KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.4.2007
KUMM(2007) 164 finali

RAPPORT ANNWALI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Nonoraw il-wegħdiet ta' l-Ewropa dwar il-finanzjament ta' l-Iżvilupp

{KUMM(2007) 158 finali}
{KUMM(2007) 163 finali}
{SEG(2007) 415}

WERREJ

1. Introduzzjoni 3

2. L-għajnuna mill-ue tista' tilħaq livelli rekord matul il-perjodu 2006-2010 4

2.1. Globalment, l-UE ssupperat l-għanijiet li kellha filwaqt li wħud mill-Istati Membri għad iridu jsaħħu l-isforzi tagħhom 4

2.2 Prospetti tajbin biex jintlaħqu l-miri storiċi li jmiss sa l-2010 6

2.3 Fit-triq it-tajba biex jintlaħaq l-għan tan-NU għall-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati (LDC) sa l-2010 7

2.4 Prijorità effettiva għall-Afrika 7

2.5 Imma l-isfidi tal-kritika jeħtieġ li jkunu kkonfrontati 8

3. Progress kontinwu, anke jekk bil-mod, lejn l-implimentazzjoni ta' sorsi innovattivi ta' finanzjament 9

4. Ħtieġa ta' viġilanza biex tkun żgurata sostenibilità kontinwa tad-dejn fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw 10

5. Għajnuna mill-UE għall-istrateġija kummerċjali tintegra l-impenji għall-kummerċ u l-iżvilupp 10

6. Effikaċja ta' l-għajnuna – l-UE għandha tagħmel użu aħjar mill-għodod li għandha disponibbli 10

7. Jinħtieġ li jitħaffef il-progress lejn mekkaniżmi ta' għajnuna aktar prevedibbli 12

8. Trażżin ta' l-impatt ta' xokkijiet minn barra l-pajjiż: kunċetti ġodda jixirqilhom sostenn akbar mill-istati membri 12

9. Il-ħelsien ta' l-għajnuna mill-irbit: L-iżviluppi internazzjonali ma jlaħħqux mal-progress irreġistrat mill-UE 13

10. Tisħiħ ta' l-influwenza ta' l-UE fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFI) 13

11. L-ue tikkonferma l-appoġġ tagħha għall-beni pubbliċi globali (GPG) iżda ma torbotx l-interventi mar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp speċjali internazzjonali 14

12. Konklużjonijiet 16

1. INTRODUZZJONI

L-UE hija fl-ewwel post fid-dinja għall-għoti ta' l-għajnuna, u sehemha fl-għoti ta' l-għajnuna pubblika għall-iżvilupp (ODA) qiegħed jikber. Fl-istess ħin, l-Unjoni qed tidħol għal impenji ambizzjużi u għat-tul fejn għandu x'jaqsam il-finanzjament għall-iżvilupp, impenji li jridu jkunu onorati fil-ħin biex jikkontribwixxu għall-ksib ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millenju (MDG):

- Fl-2002 l-UE ntrabtet li tilħaq il-mira ta' 0.39% tad-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) totali tagħha għal Għajnuna Pubblika għall-Iżvilupp (ODA) sa l-2006. Fl-2006 l-UE mhux talli laħqet din il-mira imma qabżitha u b'hekk żiedet l-ODA tagħha sa 0.42% tad-DGN u fl-2006 ħarġet ħlas rekord ta' € 48 biljun[1]. Fl-2005 l-Afrika rċeviet il-parti l-aktar sostanzjali ta' l-għajnuna mill-UE. Globalment, terz ta' l-ODA ta' l-UE ntuża għal infrastruttura soċjali u amministrattiva fil-ġlieda kontra l-faqar u 10% għal għajnuna umanitarja.

- Fl-2005 l-UE ffissat miri ulterjuri lejn livell kollettiv ta' 0.56% ODA/DGN sa l-2010 biex titnaqqas id-differenza fl-ammont ta' finanzjament bil-għan li saflaħħar jintaħaq il-għan ta' 0.7% sa' l-2015[2]. Dawn l-impenji storiċi jammontaw għal kważi 80% taż-żieda fl-għajnuna għall-Afrika mwiegħda mill-G8. L-UE tinsab miexja fit-triq it-tajba biex tilħaq iż-żewġ miri.

- Fl-2006 Stat Membru partikolari ddedika ftit aktar minn 1% tad-DGN tiegħu lill-ODA. Tliet Membri oħra laħqu 'l fuq minn 0.8% ODA/DGN. Stati Membri oħra, li dehru li kienu qatgħu lura sa ftit tas-snin ilu rnexxielhom iżidu l-ammont ta' l-għajnuna b'mod sostanzjali. L-għaxar Stati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 kollettivament irduppjaw l-għoti ta' l-għajnuna tagħhom mis-sena ta' l-adeżjoni tagħhom sallum.

- L-Unjoni tinsab fuq quddiem ukoll fil-proċess internazzjonali tal-Finanzjament ta' l-Iżvilupp għaliex diġà qed timplimenta l-għoti ta' l-għajnuna tagħha b'mod aktar mgħaġġel u effiċjenti. Barra mill-iffirmar tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-effikaċja ta' l-Għajnuna l-UE introduċiet analiżi konġunta u pjanifikazzjoni strateġika għal aktar minn darba fis-sena ta' għajnuna lill-pajjiżi pprovduta mill-KE u l-Istati Membri[3] u tinsab fil-proċess li tilħaq ftehim dwar Kodiċi ta' Kondotta għat-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika ta' l-Iżvilupp ta' l-UE[4].

---

1 Biex sa l-2006 jipprovdu kollettivament mill-inqas 0.39% tad-DGN ta' l-UE bħala ODA, l-Istati Membri ntrabtu li jżidu l-ODA tagħhom; dawk b'ODA ta' 0.7% ODA/DGN ntrabtu li jżommu l-livelli għoljin; l-Istati Membri l-oħra kollha ntrabtu li jilħqu almenu l-livell ta' 0.33% ODA/DGN.

2 It-tieni mira kollettiva intermedja għall-2010 hija msejsa fuq miri minimi individwali jiġifieri l-Istati Membri li jkunu għadhom ma laħqux ODA ta' 0.51% tal-PGN tagħhom jintrabtu li jilħqu dan il-livell; l-Istati Membri jintrabtu li jilħqu l-mira ta' 0.7% ODA/DGN sa l-2015 u dawk li laħqu dik il-mira jintrabtu li jżommu 'l fuq minn dak il-livell; l-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara l-2002 jistinkaw biex, sa l-2010, jilħqu jew iżommu minimu ta' 0.17% ODA/DGN u ta' 0.33% sa l-2015. Dan l-impenn hu marbut mal-wegħda biex jiġi pprovdut b'mod kollettiv mill-inqas ħamsin fil-mija taż-żieda miftiehma ta' l-ODA lill-Afrika

3 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2006. ' Il-finanzjament għall-Iżvilupp u l-Effikaċja ta' l-Għajnuna: Forniment aktar, aħjar u b'akbar ħeffa'.

4 Imsejsa fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew - KUMM(2007) 72 tat-28.2.2007.

Madankollu, dan il-progress ma jistax jitqies bħala fatt u ma jridux jintesew dawn il-kwistjonijiet speċifiċi li ġejjin

- il-varjazzjonijiet kbar fil-baġits għall-għajnuna bejn l-Istati Membri:
- l-użu ta' miżuri ta' darba li kultant jista' jagħti idea falza ta' l-andament globali tal-volum ta' l-għajnuna;
- il-ħtieġa tal-ħruġ tal-ħlas ta' l-għajnuna b'mod aktar effikaċi biex ikun żgurat li l-għajnuna tasal għand dawk li jinħtiġuha

Hawnhekk il-Kummissjoni qed tippreżenta l-ħames rapport annwali tagħha dwar il-progress ta' l-UE fl-implimentazzjoni ta' l-impenji storiċi miftiehma fl-2002 bi previżjoni tal-Konferenza ta' Monterrey, u ulterjorment ippreċiżati mill-Kunsill Ewropew qabel is-Samit Dinji tan-NU ta' l-2005 biex jitħaffef il-progress lejn il-ksib ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millenju (MDG)[5]. Barra minn hekk, l-impenji ta' l-UE jiffurmaw parti fundamentali mill-Kunsens Ewropew fil-qasam ta' l-Iżvilupp. Matul id-Djalogu tan-NU fuq Livell Għoli dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp li se jsir tard fl-2007, it-Tielet Forum ta' Livell Għoli ta' Accra dwar l-effikaċja ta' l-għajnuna u l-konferenza 'post-Monterrey' li se ssir f'Doha fl-2008 se jiġi diskuss mill-ġdid kif se tiżdied l-għajnuna u kif din se titwassal b'mod aktar effikaċi u effiċjenti.

Din il-Komunikazzjoni tikkonsidra l-opinjonijiet tas-27 Stat Membru (UE-27) kif esprimewhom fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju ta' sorveljanza tard is-sena l-oħra (2006). Analiżi dettaljata tas-sondaġġ hija mehmuża mad-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni[6].

2. L-GĦAJNUNA MILL-UE TISTA' TILĦAQ LIVELLI REKORD MATUL IL-PERJODU 2006-2010

2.1. Globalment, l-UE ssupperat l-għanijiet li kellha filwaqt li wħud mill-Istati Membri għad iridu jsaħħu l-isforzi tagħhom

L-UE kisbet l-ewwel għan kollettiv intermedju tagħha fir-rigward ta' l-ODA sena qabel ma kien antiċipat jiġifieri fl-2005, u fl-2006 kkonfermat dan ir-riżultat eċċellenti: l-UE ODA flimkien ta' € 48 biljun huwa ammont li jirrappreżenta proporzjoni bejn l-ODA u l-DGN ta' 0.42%, li jaqbeż il-mira ta' 0.39%. Il-prestazzjoni kollettiva tal-15-il Stat Membru (UE-15), li fl-2002 kienu daħlu għal din il-mira waħedhom, kienet ferm iżjed impressjonanti għax dawn laħqu ż-0.43% ODA/DGN. Mingħajr dubju, is-serħan mid-dejn ta' l-Iraq u n-Niġerja kif ukoll l-għajnuna mogħtija wara t-tsunami kienu ta' kontribut għal-livell rekord ta' l-ODA milħuq mill-UE fl-2005-2006.

---

5 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2005. *'Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millenju: Il-kontribuzzjoni ta' l-UE għall-Eżami mill-ġdid ta' l-MDG's fil-Laqgħa ta' Livell Għoli tan-NU ta' l-2005'*. Il-weġħdiet ta' l-UE jinkludu wkoll impenji ulterjuri fir-rigward ta' sorsi innovattivi ta' finanzjament għall-iżvilupp, serħan mid-djun u Beni Pubbliċi Globali, koordinament aħjar u aktar effikaċja fl-għoti ta' l-għajnuna, inklużi mekkaniżmi ta' għajnuna aktar prevedibbli, trażżin ta' xokkijiet minn barra l-pajjiż, għajnuniet maħlulin u r-riforma ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali

6 *Financing for Development from Monterrey 2002 to Doha 2008 - Progress report 2007 - SEC(2007) 415.*

Tabella 1: Il-livelli ta' l-ODA ta' l-UE mill-2004 u sa l-2006

	2004		2005		2006	
	ODA in million €	ODA in % of GNI	ODA in million €	ODA in % of GNI	ODA in million €	ODA in % of GNI
Official Targets						EU-15: 0.33
Austria	1175	0,50	1266	0,52	1205	0,48
Belgium	1178	0,40	1580	0,52	1568	0,50
Bulgaria	NA	NA	NA	NA	2	0,01
Cyprus	4	0,03	4	0,03	16	0,11
Czech Republic	87	0,11	109	0,11	124	0,12
Denmark	1639	0,83	1696	0,81	1780	0,80
Estonia	4	0,04	5	0,05	8	0,07
Finland	547	0,36	726	0,46	658	0,39
France	6820	0,41	8067	0,47	8324	0,47
Germany	6064	0,27	8112	0,36	8247	0,36
Greece	258	0,15	309	0,17	306	0,16
Hungary	56	0,07	80	0,10	96	0,12
Ireland	489	0,39	578	0,42	794	0,53
Italy	1982	0,14	4096	0,29	2926	0,20
Latvia	7	0,06	8	0,07	9	0,06
Lithuania	8	0,04	12	0,06	15	0,08
Luxembourg	190	0,86	206	0,86	232	0,89
Malta	8	0,18	7	0,17	7	0,15
The Netherlands	3384	0,67	4116	0,81	4343	0,81
Poland	95	0,05	165	0,07	239	0,09
Portugal	830	0,59	303	0,21	312	0,21
Romania	NA	NA	NA	NA	3	0,00
Slovak Republic	23	0,07	45	0,12	44	0,10
Slovenia	25	0,10	30	0,11	35	0,12
Spain	1962	0,24	2428	0,27	3028	0,32
Sweden	2191	0,78	2706	0,94	3161	1,03
UK	6339	0,36	8662	0,47	10049	0,52
EU 15 TOTAL	35047	0,35	44852	0,44	46932	0,43
EU 10 TOTAL	316	0,07	467	0,09	592	0,10
EU 25 TOTAL	35364	0,34	45318	0,42	47524	0,42
EU 27 TOTAL					47529	0,41

ODA f'miljuni ta' € bil-prezzijiet kurrenti; Iċ-ċelluli kkuluriti fihom tagħrif fornut mill-Istati Membri filwaqt li ċ-ċelluli l-oħra huma *data* jew kalkoli tal-Kummissjoni; Iċ-ċifri totali ta' l-ODA u d-DGN ta' l-UE-27 fl-2004 u l-2005 ma jinkludux id-DGN tal-BG u r-RO

Dawk minn ta' quddiem li jiżguraw is-suċċess ta' l-UE huma d-disa' Stati Membri li jew laħqu l-mira ta' 0.7% jew iddeċidew li jilħquha qabel l-2015. Partikolarment eċċezzjonali huwa l-impenn ta' l-Iżvezja (SE) li issa allokat 1% tad-DGN tagħha għall-għajnuna u l-Lussemburgu (LU) li se jagħmel l-istess sa l-2012. L-Istati Membri li rreġistraw livelli ta' l-ODA ferm iżjed baxxi ftit tas-snin ilu, pereżempju l-Ġermanja (DE) u Spanja (ES), urew li meta jkun hemm il-volontà politika huwa possibbli li jittella' l-livell ta' l-għajnuna. Minkejja dan, Spanja kien jonqosha EUR 142 miljun biex tilħaq il-livell ta' 0.33%. L-10 Stati Membri li daħlu l-UE fl-

2004 (l-UE-10) irduppjaw l-ODA tagħhom mill-adeżjoni tagħhom 'il hawn u wrew l-impenn tagħhom fl-*acquis communautaire*.

Il-kontribut ta' l-Unjoni kien ikun ferm aktar impressjonanti kieku l-Greċja (EL), l-Italja (IT) u l-Portugall (PT) laħqu l-mira individwali miftiehma ta' 0.33% ODA/DGN fil-ħin. Dawn il-pajjiżi wiegħdu li jilħqu mal-bqija tal-grupp sa' l-2007 (EL, PT) u l-2008 (IT), imma d-diffikultajiet li kellhom s'issa huma indikattivi tar-riskju ġenerali marbut ma' l-għajnuna "ta' darba" mogħtija f'ċerti snin (PT: ODA taħt forma ta' serħan mid-dejn għall-Angola fl-2004; IT: kontribuzzjoni lil aġenziji multilaterali fl-2005) mingħajr is-sosteniment ta' tibdiliet politiċi li jiżgura żieda progressiva fil-baġits għall-għajnuna. Biex tkun evitata żieda ulterjuri fid-differenza bejn il-prestazzjonijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward taż-żamma tal-wegħdiet komuni jeħtieġ li l-Istati Membri li waqgħu lura u l-livell ta' l-għajnuna mingħandhom huwa taħt il-minimu jagħmlu sforz kontinwu.

2.2. Prospetti tajbin biex jintlaħqu l-miri storiċi li jmiss sa l-2010

Kuntrarjament għall-previżjonijiet li jindikaw tnaqqis fil-livelli globali ta' l-ODA bejn l-2007 u l-2008, l-għajnuna mill-UE mistennija tiżdied matul il-perjodu 2007 – 2010 f'konformità mal-wegħda ta' l-UE għall-2010. It-titjib fil-prospettivi rigward it-tkabbir ekonomiku jfisser li l-UE tista' timmobilizza € 27–30 biljun aktar fis-sena meta mqabbla ma' l-2006, u għalhekk aktar mill-€ 20 biljun previsti fil-bidu. L-ammonti li l-Istati membri qed ibassru jibqgħu vulnerabbli għall-varjazzjonijiet fid-DGN u jistgħu għalhekk ma jilħqux il-miri ffissati. Iċ-ċifri mbassra minn diversi Stati Membri għadhom mhumiex sostnuti minn żidiet fil-baġit annwali b'mod definit, imma għadhom jiddependu minn żviluppi ad hoc. Filwaqt li għotjiet għas-serħan mid-djun saru strumentali biex jinkisbu livelli ogħla ta' l-ODA f'terminu qasir ta' żmien u sa mill-2005 kienu l-parti l-kbira ta' l-għajnuna mogħtija mill-Awstrija (AT) 'il fuq minn 50%, Franza (FR), DE, IT u UK (madwar terz mill-ODA totali għal kull wieħed minn dawn il-pajjiżi), dawn l-għajnuniet mhumiex biżżejjed fuq medda itwal ta' żmien. Biex tinżamm id-dinamika meħtieġa sabiex jintlaħqu l-livelli mmirati għall-2010, ikun xieraq li tiżdied il-mobilizzazzjoni tal-fondi programmabbli, inkluż, fejn meħtieġ, rikors għal sorsi innovattivi ta' finanzjament. Minkejja li ppjana żieda impressjonanti ta' 148% ta' l-ODA matul il-perjodu 2006-2010, il-Portugall għadu 'l bogħod milli jilħaq il-mira individwali li jmiss ta' l-UE. Barra minn hekk, uħud mill-UE-12 (l-Istati Membri li ilhom membri mill-2004) għad irid juru bid-dieher kif bi ħsiebhom iżidu ulterjorment il-volumi ta' l-għajnuna mingħandhom minn issa sa l-2010.

Tabella 2: Tbassir u pretenzjonijiet għall-ilħuq tal-miri għall-2007-2010

	2007		2008		2009		2010	
	ODA in million €	ODA in % of GNI	ODA in million €	ODA in % of GNI	ODA in million €	ODA in % of GNI	ODA in million €	ODA in % of GNI
Official Targets								EU-15: 0.51 EU-10: 0.17
Austria	870	0,33	901	0,33	939	0,33	1512	0,51
Belgium	1799	0,55	2030	0,59	2288	0,64	2561	0,68
Bulgaria	16	0,06	31	0,11	46	0,14	60	0,17
Cyprus	14	0,10	16	0,10	17	0,10	19	0,10
Czech Republic	128	0,11	147	0,12	171	0,13	230	0,17
Denmark	1863	0,80	1956	0,80	2054	0,80	2152	0,80
Estonia	9	0,07	11	0,07	13	0,07	15	0,07
Finland	746	0,42	796	0,43	870	0,46	1395	0,70
France	9180	0,49	10581	0,54	11982	0,59	13383	0,63
Germany	9426	0,40	10605	0,43	11784	0,47	12963	0,51
Greece	683	0,33	799	0,36	1057	0,45	1262	0,51
Hungary	98	0,11	106	0,11	127	0,13	148	0,14
Ireland	813	0,51	942	0,55	1018	0,55	1199	0,60
Italy	4072	0,27	5218	0,33	6974	0,42	8730	0,51
Latvia	10	0,06	13	0,06	16	0,07	19	0,07
Lithuania	19	0,07	23	0,08	26	0,08	40	0,11
Luxembourg	254	0,90	274	0,91	300	0,92	336	0,95
Malta	8	0,17	9	0,17	9	0,17	9	0,17
The Netherlands	4532	0,81	4702	0,80	4916	0,80	5136	0,80
Poland	305	0,11	352	0,12	439	0,14	574	0,17
Portugal	517	0,33	588	0,37	660	0,39	768	0,44
Romania	59	0,05	115	0,10	171	0,14	228	0,17
Slovak Republic	57	0,12	69	0,14	82	0,16	95	0,17
Slovenia	40	0,13	46	0,14	52	0,15	64	0,17
Spain	4305	0,42	5464	0,50	6524	0,56	7676	0,62
Sweden	3328	1,02	3486	1,02	3655	1,02	3730	1,00
UK	9572	0,46	11156	0,52	12740	0,56	14324	0,60
EU 15 TOTAL	51960	0,46	59498	0,51	67759	0,55	77126	0,60
EU 12 TOTAL	765	0,10	938	0,11	1168	0,13	1499	0,16
EU 27 TOTAL	52724	0,44	60436	0,48	68927	0,52	78626	0,57

ODA f'miljuni ta' € bil-prezzijiet kurrenti.
Sors: iċ-ċelluli kkuluriti fihom taġrif fornut mill-Istati Membri filwaqt li ċ-ċelluli l-oħra huma *data* jew kalkoli tal-Kummissjoni.

2.3. Fit-triq it-tajba biex jintlaħaq l-għan tan-NU għall-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati (LDC) sa l-2010

Wara s-Samit Dinji ta' l-2005 u l-Kunsens ta' Monterrey, il-pajjiżi kollha ta' l-UE-15 jew diġà allokaw mill-inqas 0.15% ta' l-ODA/DGN lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDC) jew għandhom l-intenzjoni li jilħqu dan il-livell sa l-2010. Sitt Stati Membri oħra huma disposti li jaqblu ma' kwota minima ta' l-ODA għal-LDCs. Ir-rabta bejn l-appoġġ għal dawk l-aktar fil-bżonn (l-LDC, dawk imċaħħda mill-għajnuna (aid "orphans") u l-Istati fraġli), it-tnaqqis fil-faqar u l-ksib ta' l-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millenju se jerġgħu jkunu ċ-ċentru tal-konferenzi li se jsiru f'Accra u Doha fl-2008.

2.4. Prijorità effettiva għall-Afrika

Mill-2002 l-għajnuna annwali ta' l-Ewropa lill-Afrika rduppjat u fl-2005 kienet laħqet kważi l-€ 14-il biljun. Kważi nofs l-għajnuna mill-UE diġà tmur għall-Afrika, u nofs l-għajnuna ta' l-

Unjoni mwiegħda bħala żieda fuq il-volumi ta' l-ODA ta' l-2006 twiegħed fuq bażi annwali lill-kontinent Afrikan bħala parti mill-istrateġija UE-Afrika. Fix-xhur li jmiss ta' din is-sena, meta tkun disponibbli l-istatistika OECD/DAC dwar l-ODA ta' l-2006, il-Kummissjoni se toħroġ grafika ta' riferiment għall-valutazzjoni ta' l-allokazzjonijiet ġejjiena ta' l-UE għall-Afrika. Konformi mal-previżjoni globali taż-żieda fl-għajnuna mill-UE, il-previżjoni għal allokazzjoni ta' € 10 biljun jew aktar ta' għajnuna kombinata mill-UE għall-Afrika hija promettenti.

2.5. Imma l-isfidi tal-kritika jeħtieġ li jkunu kkonfrontati

Sabiex jintwera aktar bid-dieher li l-UE żżomm il-wegħdiet tagħha dwar il-finanzjament ta' l-iżvilupp, u li tinsab fuq quddiem nett fil-forniment ta' l-għajnuna b'mod aktar effiċjenti u effikaċi, dawn l-aspetti li ġejjin jeħtieġu attenzjoni:

- Il-**prevedibilità** għat-tul **tal-flussi ta' l-għajnuna** hija fundamentali għall-ksib ta' l-MDGs. Filwaqt li wħud mill-Istati Membri qed jaġixxu fuq pjani nazzjonali biex progressivament iżidu l-għajnuna tagħhom, il-flussi ta' l-ODA ta' Stati Membri oħrajn huma aktar varjabbli, fil-kwantità jew fil-kompożizzjoni tagħhom. Fid-dawl ta' dan, huwa indispensabbli li **l-Istati Membri kollha jfasslu skedi ta' skadenzi nazzjonali, sa l-aħħar ta' l-2007, biex jiżguraw żieda progressiva fil-livelli ta' għajnuna fuq bażi annwali**.

- B'mod partikolari dawk l-Istati Membri li la laħqu l-miri ta' l-2006 u anqas ħejjew biex jaslu għall-miri storiċi ta' l-2010 jeħtiġilhom jagħtu provi aktar konvinċenti tal-miżuri li bi ħsiebhom jadottaw biex jagħlqu d-distakk li fadal fl-ispirtu ta' **qsim ġust tal-piż bejn l-Istati Membri**. L-impenji tagħhom għandhom ikunu sostnuti minn **attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni aktar intensivi li jiżguraw il-kunsens ta' l-opinjoni pubblika dwar iż-żieda fil-volumi ta' l-għajnuna**. Il-Kummissjoni diġà qed tappoġġja dan il-proċess.

- **Żieda fl-ammont ta' serħan mid-dejn**: fl-2005, il-volumi netti ta' l-ODA eskluži l-għotjiet għas-serħan mid-dejn ta' dawk it-tliet Stati Membri li flimkien jirrappreżentaw 55% ta' l-għajnuna totali ta' l-UE, jew naqsu (DE –5.5%, FR –0.7%) jew żdiedu biss (UK +0.9%). Dan jidher li jmur kontra l-Kunsens ta' Monterrey u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2006[7].

- Sabiex tkun żgurata l-komparabilità tal-volumi ta' għajnuna l-Istati Membri jeħtieġu **jsaħħu l-kapaċitajiet** u **l-metodi ta' rapurtaġġ tagħhom fir-rigward ta' l-ODA.** Il-pajjiżi ta' l-UE membri tal-Kumitat ta' l-Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) **għandhom jitolbu lil dan il-korp (DAC) biex jadatta l-istrateġija ta' diffużjoni tiegħu fir-rigward tad-donaturi emerġenti jiġifieri t-12-il pajjiż ta' l-UE li mhumiex membri tad-DAC**; il-Kummissjoni tista' tgħin f'dan il-proċess.

- **Preparazzjoni għall-użu effikaċi u effiċjenti tal-volumi ta' għajnuna li qed jiżdiedu b'mod imgħaġġel**: L-Istati Membri se jipprovdu 90% ta' l-għajnuna ulterjuri mill-UE fuq livell bilaterali. Billi l-għajnuna programmabbli suppost hija l-ikbar parti mill-għajnuna, id-donaturi ta' l-UE jridu b'mod urġenti jeżaminaw l-istrutturi u l-modalitajiet operattivi tagħhom biex ifornu aktar għajnuna u jwassluha b'mod aħjar u aktar malajr. Dan il-proċess jeħtieġ li jinkludi:

---

[7] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2006, nota 1 f'qiegħ il-paġna paragrafu 24.

- pjani nazzjonali biex **tissaħħaħ il-kapaċità** għall-implimentazzjoni ta' volumi akbar ta' l-ODA, għaliex jekk ma jsirx hekk it-tkabbir fil-volumi jibqa' kwistjoni ta' impenn, imma l-forniment tal-finanzi jista' jaqa' lura;

- l-**applikazzjoni prattika u ta' malajr** tal-**Kodiċi ta' Kondotta għat-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika ta' Żvilupp ta' l-UE** li huwa imminenti;

- **użu akbar tal-kanali differenti għall-forniment tal-finanzi,** bħal mhuma **l-istrumenti Ewropej komuni** li jinħolqu bħala riżultat tal-Kunsens Ewropew biex

  – **ikunu implimentati l-għanijiet politiċi komuni**, bħal mhuma l-istrateġija UE-Afrika jew il-Ftehimiet ambizzjużi ta' Partenarjat/Assoċjazzjoni ta' l-UE, *pereżempju permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji għall-Fond Fiduċjarju ta' l-UE għall-Infrastruttura fl-Afrika*;

  – **ikun hemm rispons għall-isfidi globali** konnessi, pereżempju, mal-kriżijiet esterni bħal mhuma t-tibdil fil-klima, id-diżastri naturali, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-materja prima jew it-thedid l-iżjed perikoluż għas-saħħa pubblika jew ta' l-annimali;

  – ikun iffaċilitat **il-forniment ta' l-impenji konġunti ta' l-UE,** pereżempju l-għajnuna għall-kummerċ;

u li jikkontribwixxu biex itejbu l-profil u l-viżibilità ta' l-UE fid-dinja.

3. PROGRESS KONTINWU, ANKE JEKK BIL-MOD, LEJN L-IMPLIMENTAZZJONI TA' SORSI INNOVATTIVI TA' FINANZJAMENT

Il-progress li sar fl-2006 kien ibbażat fuq sforzi konsiderevoli minn uħud mill-Istati Membri ta' l-UE li rnexxielhom ukoll jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi. FR u UK iddeċidew li b'mod konġunt jiddedikaw dħul annwali stmat li jlaħħaq aktar minn € 200 miljun minn taxxa fuq il-biljetti ta' l-ajru għall-Fond Internazzjonali għax-Xiri tal-Mediċini (UNITAID). UK, FR, IT, ES u SE (flimkien man-Norveġja) ġabru l-ewwel US$ 1 biljun mis-swieq finanzjarji għall-Faċilità Internazzjonali għall-Finanzjament ta' l-Immunizzazzjoni (IFFIm) għat-tilqim tat-tfal. Reċentement, UK u IT (flimkien mal-Kanada, in-Norveġja, ir-Russja u l-Bill & Melinda Gates Foundation) nidew l-ewwel **Impenn Bikri tas-Suq** (AMC) biex jitħaffef l-iżvilupp u l-introduzzjoni fis-suq ta' vaċċin ġdid kontra l-marda tal-pnewmokokku fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; barra minn hekk qed jiġi kkunsidrat proġett pilota għal vaċċin kontra l-malarja.

L-istrumenti l-ġodda jipprovdu sorsi ta' finanzjament stabbli u prevedibbli. L-ikbar vantaġġ tagħhom huwa li jiggarantixxu impenji baġitarji għal medda twila ta' żmien. Dan, madankollu, jista' jkun ifisser spejjeż operattivi ulterjuri u li jkunu meħtieġa sforzi amministrattivi u politiċi konsiderevoli.

Il-parti l-kbira tad-dħul li jiġi minn mekkaniżmi innovottivi tkun fornuta permezz ta' kanali eżistenti u organizzazzjonijiet li għandhom l-esperjenza fix-xogħol fil-qasam tas-saħħa f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għalkemm dan jevita l-ħolqien ta' strutturi paralleli, jibqa' sfida x-xogħol biex dawn l-inizjattivi jinġiebu konformi ma' l-istrateġiji għas-saħħa ta' pajjiżi msieħba.

Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri ta' l-UE mhumiex qed jikkunsidraw partiċipazzjoni effettiva f'sorsi innovattivi għall-ġejjieni prevedibbli, la għal għanijiet ta' żvilupp u anqas għal beni pubbliċi globali.

Il-Kummissjoni tqawwi qalb l-Istati Membri li għadhom mhuma jipparteċipaw fl-ebda waħda mill-inizjattivi biex jissuktaw bl-analizzar ta' l-effikaċja tagħhom bil-għan li possibbilment iwessgħu l-parteċipazzjoni tagħhom u jimmobilizzaw sorsi ta' finanzjament ulterjuri u aktar stabbli. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li s-sorsi innovattivi ma jistgħux jissostitwixxu l-ODA u tirrakkomanda li l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jimplimentaw sorsi innovattivi ta' finanzjament ma jaljenawhomx minn prijoritajiet importanti oħra ta' finanzjament ta' l-iżvilupp.

4. ĦTIEĠA TA' VIĠILANZA BIEX TKUN ŻGURATA SOSTENIBILITÀ KONTINWA TAD-DEJN FIL-PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW

Tkompliet l-implimentazzjoni ta' l-Inizjattiva għall-Pajjiżi Fqar b'Dejn Kbir (HIPC) filwaqt li baqgħu għaddejja l-miżuri straordinarji tas-serħan mid-dejn (l-Iraq, in-Niġerja). L-Inizjattiva Multilaterali tas-Serħan mid-Dejn (MDRI) tirfed l-isforzi biex id-dejn ta' l-HIPC jkompli jitnaqqas permezz tat-tħassir totali tad-dejn fil-konfront ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali għal-Iżvilupp (**IDA**, WB), il-**Fond Afrikan għall-Iżvilupp** u l-**IMF**, iżda ma tkoprix is-self pendenti mill-Bank ta' l-Iżvilupp Inter-Amerikan u minn banek oħra ta' żvilupp reġjonali. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi azzjoni aktar inċiżiva u kkoordinata fuq livell internazzjonali biex tingħata għajnuna lil dawk il-pajjiżi bi dħul baxx fl-isforzi tagħhom biex jevitaw sitwazzjonijiet ta' djun mhux sostenibbli. Dawn l-impenji għandhom jinkludu ġestjoni aħjar tad-dejn, jinvolvu pajjiżi krediturі ġodda fid-dibattitu dwar il-qafas tas-sostenibilità tad-dejn u jindirizzaw il-problema tal-*free riding* (jiġifieri l-possibbiltà li s-serħan mid-dejn ikun ta' sussidju trażversali għall-finanzjaturi li joffru self mingħajr kundizzjonijiet privileġġjati lill-pajjiżi post-HIPC). **Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill** jistieden lill-Istati Membri biex jirriflettu b'mod aktar profond, fil-fora internazzjonali xierqa, kif għandhom jippromwovu l-għoti u t-teħid responsabbli tas-self partikolarment billi tittejjeb l-ġestjoni tad-dejn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jkun promoss djalogu ma' finanzjaturi ġodda.

5. GĦAJNUNA MILL-UE GĦALL-ISTRATEĠIJA KUMMERĊJALI TINTEGRA L-IMPENJI GĦALL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew jappoġġjaw il-proposti ppreżentati fil-Komunikazzjoni *'Towards an EU Aid for Trade strategy – the Commission contribution'*[8].

6. EFFIKAĊJA TA' L-GĦAJNUNA – L-UE GĦANDHA TAGĦMEL UŻU AĦJAR MILL-GĦODOD LI GĦANDHA DISPONIBBLI

L-effikaċja ta' l-għajnuna tinsab fiċ-ċentru ta' l-aġenda politika ta' l-UE u tissemma fl-inizjattivi kollha. Il-parti l-kbira ta' l-għanijiet marbutin ma' skadenzi preċiżi li jirrigwardaw

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - KUMM(2007163 ta' l-4.4.2007.

il-Pjan ta' Azzjoni għall-Effikaċja ta' l-Għajnuna msejjaħ "Forni aktar għajnuna b'mod aktar effikaċi u mgħaġġel" diġà tlestiet jew tinsab fil-fażi ta' tkomplija:

(1) Se jkun implimentat progressivament fil-pajjiżi kollha **ppjanar strateġiku multi-annwali konġunt** bħala mezz biex tittejjeb il-komplimentarità. Konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2006, din inbdiet fil-pajjiżi ta' l-ACP fejn il-programmazzjoni ta' l-għaxar EDF ipprovdiet opportunità għall-promozzjoni ta' programmazzjoni konġunta ma' donaturi oħra fis-settur.

L-esperjenzi jvarjaw konsiderevolment fejn jirrigwarda l-istat tal-progress u l-parteċipazzjoni tad-donaturi. L-użu ta' mekkaniżmi ta' koordinament effikaċi ħaffef l-elaborazzjoni ta' **analiżi komuni tas-sitwazzjonijiet f'kull pajjiż individwali**. L-abbozzar ta' **strateġiji komuni ta' rispons** ukoll qed jimmaterjalizza progressivament f'bosta mill-pajjiżi magħżula[9] bħar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), ir-Repubblika Dominikana, l-Etjopja, il-Gana, Ħaiti, il-Kenja, Mali, Sierra Leone, is-Somalja, l-Afrika t'Isfel, it-Tanżanija, l-Uganda u ż-Żambja. Imsejsa fuq in-natura flessibbli u gradwali tal-programmazzjoni konġunta, il-proċessi jiġu adattati għas-sitwazzjonijiet speċifiċi ta' kull pajjiż u, fejn rilevanti, jintużaw proċessi oħrajn bħall–Istrateġiji Komuni ta' Għajnuna.

Minħabba n-natura evoluttiva tal-proċess, din id-*data* hija soġġetta għal tibdil kontinwu. Madankollu, din id-*data* turi li, minkejja għadd ta' kisbiet sinifikanti, il-progress inżamm lura minħabba n-natura eterogenja tal-mekkaniżmi ta' programmazzjoni ta' l-Istati Membri u d-differenza eżistenti bejn il-pożizzjonijiet espressi mill-livell ċentrali u dawk ta' l-operaturi ta' fuq il-post. Sabiex tgħin biex jingħelbu l-ostakli, tipprovdi appoġġ tekniku u ttejjeb ir-rabtiet bejn il-livell ċentrali u l-operaturi ta' fuq il-post, il-Kummissjoni organizzat missjonijiet konġunti, f'pajjiżi bħal Ħaiti u s-Somalja, u ħolqot netwerk speċifiku għall-esperti mill-UE.

(2) Il-**Kodiċi ta' Kondotta** biex ikun promoss it-**Tqassim tax-Xogħol** fost id-donaturi ta' l-UE mistenni li jkun adottat mill-Kunsill f'Mejju 2007.

(3) L-ewwel edizzjoni tal-**Jiem Ewropej ta' l-Iżvilupp** ġiet organizzata b'suċċess f'Novembru 2006 u issa se tibda ssir kull sena.

(4) Ħareġ l-**Atlas tad-Donaturi ta' l-UE**; il-ħruġ jinkludi l-ewwel edizzjonijiet reġjonali (l-Afrika tal-Punent) u nazzjonali (il-Możambik).

(5) Ġie ffissat il-livell minimu għall-**erba' impenji ulterjuri ta' l-UE** fir-rigward tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, permezz ta' Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għall-armonizzazzjoni li janalizza l-metodi lokali fir-rigward ta' l-effikaċja ta' l-għajnuna. Il-Kummissjoni terġa' tistqarr l-intenzjoni tagħha li tilħaq il-għan ta' 50% ffissat għall-għajnuna bl-użu tas-sistemi nazzjonali permezz ta' sostenn baġitarju.

(6) Ġew eleminati l-**ostakli** kollha **għall-kofinanzjament** skond ir-regoli ta' l-UE.

---

9 Skond il-kriterji tal-Kunsill (il-Konklużjoni 51 tal-Kunsill): "a) l-eżistenza ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar jew ta' strateġija ekwivalenti, b) l-eżistenza ta' għadd biżżejjed ta' donaturi attivi mill-UE, li jirrevedu l-programmazzjoni, ċ) l-eżistenza ta' proċessi lokali ta' koordinament, d) attenzjoni partikolari għall-Istati fraġli, u e) valutazzjoni pożittiva fuq il-post".

7. JINHTIEĠ LI JITHAFFEF IL-PROGRESS LEJN MEKKANIŻMI TA' GĦAJNUNA AKTAR PREVEDIBBLI

Is-sostenn baġitarju, l-istrument ewlieni rikonoxxut li jiżgura lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sostenn għal perjodu medju ta' żmien imsejjes fuq riżultati politiċi, jibqa' strument favorit ma' tlettax-il Stat Membru. Qiegħda dejjem tikber ir-rieda ta' wħud minn dawn l-Istati Membri biex jikkunsidraw li s-sostenn baġitarju ġenerali jiżdied ma' dak settorjali. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa l-kunċett ta' sostenn baġitarju ġenerali bħala mod possibbli biex tiżdied li prevedibilità ta' l-għajnuna billi jiġu inkorporati kriterji ċari ta' eliġibilità u konċentrazzjoni fuq ir-riżultati. Is-sostenn baġitarju għandu jissejjes fuq mekkaniżmi li jiżguraw tagħrif responsabbiltà *a posteriori*. Soluzzjoni waħda tista' tkun sostenn baġitarju tul medda ta' żmien itwal li jiggarantixxi ċerti livelli ta' sostenn annwali u li jkun soġġett għal klawżoli ta' salvagwardja.

8. TRAŻŻIN TA' L-IMPATT TA' XOKKIJIET MINN BARRA L-PAJJIŻ: KUNĊETTI ĠODDA JIXIRQILHOM SOSTENN AKBAR MILL-ISTATI MEMBRI

Għan komuni tal-politika ta' żvilupp ta' l-UE hu li tiżdied il-kapaċità tar-reżistenza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-kriżijiet ekonomiċi esterni (il-vulnerabilità tal-prezzijiet) u l-fenomeni naturali (diżastri, tibdil fil-klima u pandemiji). Fl-2006 inħolqu u ġew ippruvati għodod għal dan, imma dawn ingħataw ftit li xejn attenzjoni u s'issa l-progress għadu limitat.

- **Vulnerabilità tad-dħul:** L-Olanda (NL u l-**Komunità** (KE) qegħdin iġeddu l-appoġġ tagħhom għall-Grupp għall-Ġestjoni tar-Riskji konnessi mal-Materja Prima (CRMG) tal-Bank Dinji, u dan wera kemm hu fattibbli l-użu ta' strumenti msejsa fuq is-suq biex jitnaqqsu r-riskji relatati mal-movimenti tal-prezzijiet esterni. FR żviluppat inizjattivi għall-ġestjoni tar-riskji relatati mal-qoton u qed tikkunsidra l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu integrat ġdid f'pajjiżi magħżula fejn qed tinbet azzjoni komuni tad-donaturi.

- "**Tnaqqis tar-riskju tad-diżastri" (DRR):** Fl-2005-2006 l-**UE** nefqet 'il fuq minn € 3.5 biljun għas-sostenn f'każi ta' diżastri, li **tlieta fil-mija** biss minn dawn il-flus marru għal **għajnuna ex-ante**. L-interess f'azzjonijiet strateġiċi ta' natura usa' għall-preparazzjoni għad-diżastri qed jiżdied imma jinħtieġ appoġġ ferm aqwa mill-Istati Membri. Sabiex toffri approċċ komuni, fl-2008 l-Kummissjoni se tipproponi "strateġija konġunta ta' l-UE għad-DRR" filwaqt li tibni fuq l-esperjenza disponibbli (pereżempju mid-disa' EDF għad-Diżastri naturali) u li tkun konformi ma' l-inizjattivi internazzjonali.

- Il-mekkaniżmu Komunitarju FLEX għall-pajjiżi ta' l-ACP jimmira biex jissalvagwardja r-riformi li jistgħu jkunu fil-periklu bir-riżultat ta' flattwazzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien fid-dħul mill-esportazzjoni. Se jiġu diskussi ma' l-Istati Membri u l-grupp ta' l-ACP proposti biex l-għajnuna FLEX tkun disponibbli aktar kmieni u iżjed faċilment bil-għan li tintrifed in-natura antiċiklika tal-mekkaniżmu.

Il-Kumissjoni tissuġġerixxi li l-Istati Membri:

- joħolqu bilanċ aħjar **bejn** ir-rispons **ex-post** għad-diżastri naturali **u** l-istrateġiji **ex-ante** għat-tnaqqis tar-riskji fuq il-bażi ta' azzjoni komuni ta' l-UE għall-prevenzjoni tad-diżastri u l-preparazzjoni għalihom;

- isaħħu l-appoġġ tagħhom għall-esperimentazzjoni/iż-żieda fl-iskala fir-rigward ta' strumenti u metodi ġodda biex jitnaqqsu l-effetti negattivi tax-xokkijiet esterni fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, billi ssir distinzjoni bejn ir-rispons imsejjes fuq is-suq għax-xokkijiet li jiġu mill-varjazzjonijiet fil-prezzijiet internazzjonali u l-isforzi biex jitnaqqsu x-xokkijiet ikkawżati mid-diżastri naturali;

- **Jipparteċipaw** b'mod attiv **fil-Grupp Speċjali Internazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riskji relatati mal-Materja Prima** biex jittejjeb l-iskambju ta' tagħrif dwar metodi ġodda ta' ġestjoni tar-riskji.

9. IL-ĦELSIEN TA' L-GĦAJNUNA MILL-IRBIT: L-IŻVILUPPI INTERNAZZJONALI MA JLAĦĦQUX MAL-PROGRESS IRREĠISTRAT MILL-UE

Il-volum ta' għajnuna li l-UE qed teħles mill-irbit qed jikber. Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri li huma donaturi tad-DAC ħelsu (kważi) l-ODA tagħhom kollha. Oħrajn introduċew miżuri ġodda biex jeħilsu parti mill-għajnuna tagħhom. Uħud mill-EU-10 bdew jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tad-DAC dwar il-ħelsien ta' l-għajnuna mill-irbit indirizzata lil-LDC. L-użu dejjem aktar jikber tas-sostenn baġitarju jikkontribwixxu wkoll għat-titjib fil-prestazzjoni ta' l-Unjoni fejn tidħol għajnuna kombinata għall-iżvilupp. L-Istati Membri huma mistiedna jimxu lejn ħelsien sħiħ tal-ħelsien mill-irbit ta' l-għajnuna tagħhom.

Billi r-**regoli Komunitarji tas-suq intern japplikaw għall-ODA ta' l-Istati Membri**, il-Kummissjoni tafferma li huwa dmirha li ssegwi kwalunkwe ksur f'dan ir-rigward. L-Istati Membri li jinsabu fil-proċess tal-bini tas-sistemi tagħhom ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, partikolarment l-iskemi tagħhom għall-appalti, jeħtieġu jeħilsu l-għajnuna tagħhom mill-irbit fejn għandhom x'jaqsmu l-Istati Membri l-oħrajn kollha.

Fl-2006 l-KE ttrasponiet ir-regolamenti tal-ħelsien mill-irbit ta' l-għajnuna fl-istrumenti finanzjarji ta' kooperazzjoni l-ġodda tal-baġit Komunitarju; f'dan il-kuntest inħeles ukoll is-sostenn għall-atturi mhux statali.

Il-Kummissjoni tirreaġixxi b'mod pożittiv għall-estenzjoni ta' l-ambitu tar-Rakkomandazzjoni tad-DAC (billi tniżżel il-livell għall-applikazzjoni tagħha), wara snin ta' staġnar, u tħeġġeġ li jkun hemm aktar progress, jiġifieri li jkun hemm ċaqliq minn approċċ kummerċjali limitat għall-kwistjoni ta' aċċess reċiproku bejn id-donaturi għal wieħed aktar favorevoli għall-fqar iċċentrat fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan jeħtieġ estenzjoni ulterjuri tar-Rakkomandazzjoni tad-DAC (prijorità lill-aċċess għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw; promozzjoni tal-preferenzi lokali). Il-Kummissjoni tfakkar li l-UE għandha ftehim biex fil-fora internazzjonali rilevanti tkompli tippromwovi l-**ħelsien mill-irbit ta' l-għajnuna relatata ma' l-ikel u t-trasport**.

10. TISHIĦ TA' L-INFLUWENZA TA' L-UE FL-ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI INTERNAZZJONALI (IFI)

Minkejja r-ritmu varjabbli ta' progress li ġie rreġistrat, ir-rwol ta' koordinazzjoni li għandha l-UE fl-ambitu tal-Bank Dinji u l-IMF kiber. B'mod partikolari d-Diretturi Eżekuttivi ta' l-UE sallum ħarġu madwar 40 stqarrija konġunta f'kuntest ta' koordinament informali u b'hekk żdiedu b'mod konsiderevoli l-viżibilità u l-influwenza ta' l-UE. Pożizzjonijiet konġunti mill-Istati Membri ta' l-UE jidher li huma essenzjali biex ikomplu jkabbru l-viżibilità u l-

influwenza ta' l-Unjoni fl-IFI. Koordinament aħjar ta' l-UE fl-IFI jistrieħ l-aktar fuq djalogu aktar intensiv u skambju tat-tagħrif aktar ta' spiss. Id-Diretturi Eżekuttivi ta' l-UE fil-Bank Dinji u l-IMF jiltaqgħu darba fil-ġimgħa biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati ma' l-ordni tal-ġurnata tal-Bord u fejn possibbli jiddeċiedu fuq pożizzjonijiet komuni; il-Kummissjoni qed tiffaċilita din il-koordinazzjoni u bi ħsiebha tipprovdi aktar sostenn. Hemm lok għat-titjib fil-koordinazzjoni ta' l-UE fl-IMF, partikolarment f'Washington.

Il-Kummissjoni kienet ukoll stiednet fl-2007 fi Brussell lid-Diretturi Eżekuttivi ta' l-UE tat-tliet banek prinċipali ta' l-iżvilupp reġjonali (il-Banek ta' l-Iżvilupp Afrikan, Ażjatiku u Inter-Amerikan) biex jittejbu l-koordinament mal-Kummissjoni u d-djalogu bejniethom. Il-laqgħa kienet utli u laqgħat simili se jibqgħu jsiru regolarment.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll

- l-organizzazzjoni sistematika ta' laqgħat ta' koordinament tad-Diretturi Eżekuttivi ta' l-UE, bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni, fil-Bank Dinji u l-IMF bil-għan li jkunu adottati stqarrijiet Ewropej komuni dwar kwistjonijiet tal-Bord b'mod spiss kemm jista' jkun;

- it-titjib fil-koordinament ta' l-UE qabel il-Laqgħa Annwali jew tar-Rebbiegħa; li l-Kummissjoni tkun disposta biex tforni l-appoġġ meħtieġ għal dan il-għan;

- l-iskambju ta' tagħrif u dokumenti bejn id-Diretturi Eżekuttivi ta' l-UE u l-Kummissjoni, inkluża t-trażmissjoni fil-ħin u regolari tad-dokumenti lill-Kummissjoni tal-Bord ta' l-IFI (inklużi l-banek ta' l-iżvilupp reġjonali);

- ir-rinfurzar tal-leħen Ewropew fil-Bank Dinji filwaqt li fl-istess ħin tingħata aktar vuċi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

11. L-UE TIKKONFERMA L-APPOĠĠ TAGĦHA GĦALL-BENI PUBBLIĊI GLOBALI (GPG) IŻDA MA TORBOTX L-INTERVENTI MAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-GRUPP SPEĊJALI INTERNAZZJONALI

Ir-Rapport tal-Grupp Speċjali Internazzjonali dwar il-GPG – *Meeting Global Challenges* – ġie ppubblikat f'Settembru ta' l-2006. Komplessivament, l-ewwel reazzjoni ta' l-Istati Membri ta' l-UE tidher li kienet li r-rapport ibati minħabba l-ittardjar biex ġiet ffinalizzat u l-profil baxx li kien ingħatalu. Filwaqt li kienu jafu bil-parti l-kbira tal-kontenut tar-rapport, l-Istati Membri mhumiex konvinti li r-rapport ikkontribwixxa b'mod sostanzjali għad-dibattitu dwar il-GPG. Il-Kummissjoni tissimpatizza ma' din il-perspettiva, għalkemm tirrikonoxxi li l-Grupp Speċjali kien għamel ħafna xogħol ta' analiżi u organizza konsultazzjonijiet ma' firxa wiesgħa ta' atturi differenti. Hemm **qbil ġenerali dwar il-prijorità tal-GPG** individwati mill-Grupp Speċjali, speċjalment fil-qasam tas-**saħħa** u l-**ambjent**, imma fil-prinċipju dan l-appoġġ mhux sostnut minn pożizzjonijiet b'saħħithom dwar finanzjamenti speċifiċi għall-beni pubbliċi globali.

Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri jaqblu dwar il-ħtieġa ta' riforma tas-sistema tan-NU, konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-Panel ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koerenza ta' l-entità tas-Sistema, biex tissaħħaħ it-trasparenza ta' l-operazzjonijiet u l-kontabilità ġenerali; imma ma jeżistix appoġġ għall-proposta ewlenija tar-rapport biex tittejjeb il-ġestjoni globali, jiġifieri l-forum tal-Global 25.

Dwar l-istrateġija tal-Grupp Speċjali għall-**finanzjament** tal-GPG ttieħdu pożizzjonijiet kontrastanti: il-maġġoranza ta' l-Istati Membri hija favur uħud mill-proposti, li huma sempliċi u diġà jeżisti qbil dwarhom internazzjonalment. Oħrajn li huma rakkomandazzjonijiet aktar innovattivi, li jippruvaw iħollu l-GPG minn ma' l-għajnuna għall-iżvilupp, jeħtieġu l-attenzjoni, imma ftit wisq mill-Istati Membri urew appoġġ għalihom. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u ta' l-analiżi tar-rapport magħmul mill-Kummissjoni nnifisha, jidher li l-proposti tal-Grupp Speċjali bħalissa mhumiex jiġbdu ħafna interess min-naħa ta' l-UE. Għaldaqstant ikun prematur u kontroproduttiv li jiġi stabbilit Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għal tkabbir fil-forniment u l-finanzjament tal-GPG f'dan il-mument. Minkejja din l-evalwazzjoni, l-UE rreġistrat progress notevoli fit-tkabbir tal-forniment ta' prijotitajiet tal-GPG, bħal pereżempju fis-setturi tas-saħħa u l-ambjent, u qed tkompli tassumi r-rwol ta' "mexxejja responsabbli" kif il-Grupp Speċjali argumenta bis-saħħa. Fil-ġejjieni, l-opportunità għal inizjattiva globali għall-GPG tista' terġa' tkun eżaminata.

Sadattant, il-Kummissjoni se tintensifika l-azzjoni tagħha għall-GPG ambjentali permezz ta' kollaborazzjoni aktar b'saħħitha mmirata għall-ħolqien ta' allejanzi mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Din il-kollaborazzjoni aktar b'saħħitha timmira għat-tieni fażi tal-Protokoll ta' Kjoto (post-2012) li mistenni li jkollu għanijiet differenti, pereżempju li jkun kompatibbli kemm mal-ksib ta' l-MDG kif ukoll mat-trażżin tat-tisħin tal-klima.

12. KONKLUŻJONIJIET

Ir-riżultati globali ta' l-ODA ta' l-UE għall-2006 qabżu dak li kien mistenni, imma wħud mill-Istati Membri għad iridu jirkupraw u jilħqu l-livelli minimi miftiehma. Il-prospetti globali li sa l-2010 l-UE tilħaq l-għanijiet storiċi li jmiss fir-rigward ta' l-ODA huma tajbin bil-kundizzjoni li jiġu indirizzati kwistjonijiet bażiċi li għandhom x'jaqsmu mas-sosteniment tal-kredibilità ta' l-UE bħala l-ikbar fornitur tal-finanzjament ta' l-iżvilupp u li jkun żgurat appoġġ ikbar mill-opinjoni pubblika. L-applikazzjoni mgħaġġla tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar it-Tqassim ta' Ħidma fil-Politika ta' l-Iżvilupp hija l-aqwa opportunità għal qabża kbira 'l quddiem fejn jirrigwarda l-effikaċja ta' l-għajnuna mogħtija mill-UE. Il-kwistjoni tar-rabta bejn il-kummerċ u l-iżvilupp trid tiġi indirizzata fl-ambitu ta' l-Istrateġija Komuni ta' l-UE għall-Għajnuna għall-Kummerċ, u dan jinħtieġ segwiment kredibbli mill-partijiet kollha interessati. Minkejja l-progress globali rreġistrat, ukoll jekk ir-ritmu jvarja, fir-rigward il-parti l-kbira ta' l-impenji ta' l-UE, huma meħtieġa sforzi akbar u parteċipazzjoni aktar attiva f'diversi oqsma min-naħa ta' l-Istati Membri, pereżempju fejn jidħol is-sostenn baġitarju u l-proposti biex jitnaqqas l-impatt tax-xokkijiet minn barra l-pajjiż.